**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 208/02 AJD**

**Micallef & Zammit (Marketing) Limited**

**vs**

**Simon u Tanya konjugi Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u erbghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm544.99) in konnessjoni ma' bejgh ta' merkanzija, liema somma hija dovuta in kwantu ghal tlieta u sebghin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm73.70) bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 13318 datata 27 ta' Frar, 2001, in kwantu ghal mitt lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm100.37) bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 13677 datata 6 ta' Marzu, 2001, in kwantu ghal mija u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm120.89) skond fattura numru 13982 datata 13 ta' Marzu, 2001, kwantu ghal mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm132.55) skond fattura numru 14600 datata 27 ta' Marzu, 2001, kwantu ghal disgha u sebghin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm79.49) skond fattura numru 14927 datata 3 ta' April, 2001, u kwantu ghal sebgha u tletin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm37.99) skond fattura numru 15312 datata 10 ta' April, 2001 (Dok. A sa

G).
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 23 ta’ Jannar, 2002 (Dok. H) u tal-Mandat Kawtelatorju prezentat mal-Avviz tat-Talba, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-dati ta’ hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Erika Micallef, ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u erbgha u erbghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm544.99), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju prezentat mal-Avviz tat-Talba, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**